# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

## S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI
## ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO
## ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL

**Seduta ta' nhar l-Erbgħa, 23 ta' Frar, 2022.**

**Numru 8**

**Rikors numru 1241/12/1 GM**

**Giuseppe sive Joseph Camilleri**

**v.**

**Norbert Camilleri u martu Jacqueline Camilleri u b'digriet tat-13 ta' Marzu 2020 ġie msejjaħ fil-kawża l-Uffiċċju Konġunt**

1. Din is-sentenza titratta appell tal-attur minn sentenza mogħtija mill-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili fil-15 ta' Lulju 2021 dwar talba għall-iżgumbrament tal-konvenuti minn *farmhouse* li tinsab fuq parti mill-'*Għalqa Ta' Wied Ħattiek'* is-Salina, proprjeta` tal-Gvern li l-attur jallega li ilu snin twal jikri mingħand l-Uffiċċju Konġunt.

2. B'rikors maħluf ippreżentat fl-14 ta' Diċembru 2012, l-attur ippremetta u talab kif ġej:

*"Illi l-esponenti huwa l-inkwilin rikonoxxut mill-Gvern (l-Uffiċċju Konġunt), bi qbiela fuq inter alia żewġ (2) porzjonijiet ta' art, waħda magħruf bħala 'Għalqa Ħbula Ta' Ġiovaddu', id-Dokkiena ġewwa n-Naxxar bi qbiela ta' dsatax-il Ewro u tmenin ċenteżmu (€19.80) fis-sena (Ref: A 2693/1997), u l-oħra tmiss magħha magħrufa bħala 'Għalqa ta' Taxi jew ta' 'Wied Ħattiek' is-Salina, ġewwa San Pawl il-Baħar, bi qbiela ta' tmintax-il Ewro u tlieta u sittin ċenteżmi (€18.63) fis-sena, (Ref: A 2128/1997). (Dok 'JC 1' u Dok 'JC 2' annessi), imberfla bl-aħmar fuq l-annessa pjanta mmarkata Dok 'JC 3'.*

*Illi l-konvenuti qegħdin abbużivament u llegalment jokkupaw il-fond ossia farmhouse, bl-isem ta' 'Palma Farmhouse', ġewwa Triq is-Salina, Naxxar, liema Farmhouse tinsab fuq parti mill-'Għalqa ta' Taxi jew ta' Wied Ħattiek', is-Salina ġewwa San Pawl il-Baħar, u dan billi qiegħed jintuża bħala r-residenza ordinarja tal-istess intimati konjuġi Camilleri, u dan minkejja l-fatt li l-istess fond huwa mqabbel lill-attur mill-Gvern ta' Malta. Illi l-imsemmi razzett hekk okkupat huwa mmarkat bl-oranġjo fuq l-annessa pjanta mmarkata Dok JC 3.*

*Illi din l-okkupazzjoni ta' dan il-fond hekk kif indikat, qiegħda ssir kontra l-volonta` u mingħajr il-kunsens tal-attur, u li għalhekk il-konvenuti qed jokkupaw dan il-farmhouse, mingħajr ebda titolu validu fil-liġi.*

*Illi l-konvenuti kienu ġew flimkien ma' oħrajn interpellati permezz ta' ittra ġudizzjarja ppreżentata nhar it-12 ta' Ottubru 2012, iżda baqgħu inadempjenti.*

*Għaldaqstant in vista tal-premess, l-esponent, jitlob bir-rispett lil din Onorabbli Qorti jogħġobha:-*

*1. Tiddikjara illi l-intimati Norbert Camilleri (KI 517983M) u martu Jacqueline Camilleri (KI 635381M), qegħdin jokkupaw il-fond ossia farmhouse, bl-isem ta' 'Palma Farmhouse', ġewwa Triq is-Salina, Naxxar, liema Farmhouse tinsab fuq parti mill-'Għalqa ta' Taxi jew ta' Wied Ħattiek', is-Salina ġewwa San Pawl il-Baħar, immarkat bl-oranġjo fuq l-annessa pjanta mmarkata Dok JC 3, mingħajr ebda titolu validu fil-liġi; u*

*2. Konsegwentement l-istess intimati Norbert Camilleri (KI 517983M) u martu Jacqueline Camilleri (KI 635381M) jiġu kkundannati jiżgombraw mill-fond ossia farmhouse, bl-isem ta' 'Palma Farmhouse', ġewwa Triq is-Salina, Naxxar, liema Farmhouse tinsab fuq parti mill-'Għalqa ta' Taxi jew ta' Wied Ħattiek', is-Salina ġewwa San Pawl il-Baħar, immarkat bl-oranġjo fuq l-annessa pjanta*

*mmarkata Dok JC 3, u dan fi żmien qasir u perentorju li jiġi ffissat minn din l-Onorabbli Qorti.*

*Bl-ispejjeż, inklużi sehemhom, mill-ittra ġudizzjarja ppreżentata mill-attur, li ġġib id-data tat-12 ta' Ottubru 2012 (3158/2012), kontra l-intimati, minn issa nġunti għas-subizzjoni."*

3. Il-konvenuti wieġbu:

*"Illi t-talbiet attriċi għandhom jiġu miċħuda stante li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt, u dan għas-segwenti raġunijiet:*

*1. Illi fl-ewwel lok, in linea preliminari u bla preġudizzju, din il-Qorti mhux kompetenti ratione materiae tisma' l-odjerna vertenza stante li l-istess taqa' taħt il-ġurisdizzjoni u kompetenza esklussiva tal-Bord li Jirregola l-Kera jew tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri ta' Raba', u dan peress li l-istess eċċipjent jiddetjeni l-proprjeta`, ossia farmhouse, b'titolu rikonoxxut mil-liġi.*

*2. Illi, fit-tieni lok u dejjem mingħajr preġudizzju għal dak sovra eċċepit, l-attur għandu jġib 'il quddiem provi rilevanti u tajbin li jixhdu dwar it-titolu minnu vantant fuq il-proprjeta` de qua u juri l-interess ġuridiku tiegħu f'dawn il-proċeduri.*

*3. Illi, fit-tielet lok, l-konvenuti ilhom jirrisjedu fil-farmhouse għal aktar minn għaxar snin u qatt qabel ma ġew disturbati fl-imsemmi godiment ta' din il-proprjeta`. Għalhekk, il-konvenuti ma jafux għaliex l-attur baqa' passiv u inerti għal dawn is-snin kollha;*

*4. Illi sa fejn magħruf lill-konvenuti, l-attur jaħdem biss porzjon ta' għalqa fil-viċinanzi ta' ħarruba u m'għandu l-ebda jedd fuq ir-farmhouse li huma jirrisjedu fiha u/jew fuq xi porzjonijiet t' art magħrufa "Ta' Pannelli" jew ta' "Ta' Taxi jew Wied Ħattiek" u "Ta' Ħbula ta' Ġiovaddu" (Salina, limiti tan-Naxxar);*

*5. Illi bla ebda preġudizzju għas-sovra eċċepit, kif ser jintwera fil-kors tal-kawża, l-konvenut igawdi minn titolu validu fil-liġi fir-rigward tal-proprjeta` mertu ta' din il-kawża. Huma jirrisjedu f'tali proprjeta` bil-kunsens ta' missier l-eċċipjenti, Emanuel Camilleri [K.I. nru. 454959M] u missier missier l-eċċipjent John Camilleri [K.I. nru. 721224M].*

*6. Salv id-dritt tal-odjerni eċċipjenti li jissollevaw eċċezzjonijiet ulterjuri."*

4. B'sentenza mogħtija fit-13 ta' Marzu 2020, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet billi ċaħdet l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenuti dwar l-

allegata inkompetenza *ratione materiae* u ordnat li jiġi msejjaħ fil-kawża l-Uffiċċju Konġunt.

5. Permezz ta' risposta maħlufa ntavolata fil-31 ta' Lulju 2020, l-imsejjaħ fil-kawża, id-Direttur Ġenerali Uffiċċju Konġunt wieġeb:

> *"1. Illi l-esponent huwa s-sid assolut tal-art in kwistjoni, u dan ma jidhirx li qed jiġi kontestat;*
>
> *2. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-esponent ma jaqbilx mal-attur in kwantu illi ma huwiex minnu illi l-attur huwa rikonoxxut mill-Ufficcju Konġunt bħala inkwilin fl-art magħrufa bħala Għalqa ta' Taxi jew ta' Wied Ħattiek, is-Salina, ġewwa San Pawl il-Baħar (Nru tal-file relattiv tal-Ufficcju Konġunt: A/2128/97);*
>
> *3. Illi mingħajr preġudizzju għas-suespost, l-eccipjenti jiddikjara illi ma jaqbilx mat-talbiet attrici stante illi t-titolu li qed jiġi vantat minnu ma jezistix;*
>
> *4. Illi l-esponent bl-ebda mod ma kkontribwixxa għal din il-kwistjoni u m'għandux jiġi kkundannat ibati spejjeż għal din il-kawza, inklużi tiegħu."*

6. Illi b'sentenza mogħtija fil-15 ta' Lulju 2021, il-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili ddeċidiet il-kawża billi laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenuti, u konsegwentement ċaħdet it-talbiet tal-attur bl-ispejjeż kontrih.

7. Permezz ta' rikors tal-appell intavolat fl-4 ta' Awwissu 2021, l-attur talab lil din il-Qorti:

> *"sabiex tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili, tal-15 ta' Lulju 2021, fl-ismijiet premessi, inkwantu laqgħet it-tieni eċċezzjoni tal-konvenut, u ċaħdet it-talbiet kollha attriċi, bl-ispejjeż kontra tiegħu, u tipprovdi minflok, billi tilqa' t-talbiet kollha attriċi, u tiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut u tal-kjamat fil-kawża, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat u l-kjamat fil-kawża."*

Konsiderazzjonijiet

8. Fir-rikors ġuramentat tiegħu l-attur sostna li huwa l-inkwilin rikonoxxut mill-Gvern (l-Uffiċċju Konġunt) ta' żewġ porzjonijiet art biswit xulxin:

(i) Waħda b'forma rettangolari u bin-numru ta' referenza A/2693/1997 magħrufa bħala *'Għalqa Ħbula ta' Ġiovaddu'*, id-Dokkiena, fin-Naxxar, bi qbiela ta' €19.80 fis-sena;

(ii) Waħda b'forma aktar kwadra u bin-numru ta' referenza A/2128/1997 magħrufa bħala *'Għalqa ta' Taxi'* jew *'ta' Wied Ħattiek',* (magħrufa mal-Uffiċċju Konġunt ukoll bħala "Ta' Pannelli") is-Salina, bi qbiela ta' €18.63 fis-sena.

9. Iż-żewġ porzjonijiet art huma delinejati bl-aħmar f'pjanta mehmuża mar-rikors promutur, immarkata Dok JC3. Fl-istess pjanta l-attur indika ukoll b' kuluri differenti diversi partijiet tal-istess art li skontu huma illegalment okkupati minn membri differenti tal-familja tiegħu. Għalhekk ippreżenta din il-kawża flimkien ma' tliet kawżi oħra kontrihom fejn talab l-iżgumbrament tal-persuni li jsostni li qegħdin jokkupaw porzjonijiet differenti tal-artijiet in kwistjoni.

10. Il-parti rilevanti ta' Dok. JC3 hi riprodotta hawn taħt:

*‘Għalqa Ħbula ta’ Ġiovaddu’ /*
*‘Ta’ Dokkiena’*
Naxxar
Ref: A 2693/1997
→




*‘Għalqa ta’ Taxi’ /*
*‘ta’ Wied Ħattiek’ /*
*‘Ta’ Pannelli’*
is-Salina
← A 2128/1997

Notamenti laterali tal-Qorti

10.1. Il-parti ndikata bl-<u>oranġjo</u> hija l-*farmhouse* mertu tal-kawża in eżami u li l-attur isostni li hi illegalment okkupata. Il-konvenut hu iben Emanuel Camilleri, ħu l-attur, u l-konvenuta miżżewġa lill-konvenut.

11. Il-partijiet fl-imsemmija erba’ kawżi huma kollha dixxendenti ta’ Paolo Camilleri, il-gabillott oriġinali, bil-mod segwenti:




Il-konvenuti fl-erba' kawżi huma hawn senjalati bil-kuluri użati mill-attur f'Dok JC3

12. Fl-erba' kawżi, l-ewwel Qorti ċaħdet it-talbiet tal-attur fir-rigward l-għalqa '*ta' Taxi' sive ta' 'Wied Ħattiek'* magħrufa wkoll bħala ta' Pannelli għaliex ikkonkludiet li l-attur ma tax prova li jgawdi t-titolu li jippretendi li għandu fuq l-istess art.

13. Il-konsiderazzjonijiet prinċipali tal-ewwel Qorti kienu dawn:

> *"L-attur u missier il-konvenut huma aħwa, ulied il-mejjet John, bin Paolo, li kien jippossjedi r-raba' mertu ta' din il-kawża b'titlu ta' qbiela mingħand il-Kurja. Mhux ikkontestat bejn il-partijiet illi Paolo għadda jew ċeda l-qbiela favur missierhom John u zijuhom Joseph. Id-diverbju hu dwar jekk u kif għaddiet għand l-attur u l-konvenut. Iż-żewġ partijiet isostnu li dejjem ħallsu l-qbiela in kwistjoni.*
>
> *Oriġinarjament, sid l-art kienet il-Knisja sakemm, bi ftehim tal-1991, għaddiet għand il-Gvern. Waqt dan it-trasferiment, saret property*

*form għal kull biċċa proprjeta`, b'numru, pjanta, isem il-gabillott, u bil-valur tagħha. Fuqha, (File A2128/1997) imniżżla bħala gabillotti hemm John Camilleri ta' 3 Dun Karm Street, Naxxar u Manuel brother of John, son of Paolo. Iktar tard saret korrezzjoni mill-Kurja u baqa' indikat bħala gabillott John Camilleri biss. Fil-fatt l-għalqa għadha meqjusa mid-Dipartiment tal-Artijiet bħala "lott oriġinali" jiġifieri li ma ġiet imdawra fuq ħadd u għadha tgħajjat lill-gabillott oriġinali. Għalhekk ma jirriżultax iswed fuq l-abjad mill-files governattivi li l-attur ġie rikonoxxut bħala gabillott minflok missieru.*

*L-attur iżda jallega li missieru kien dawwar il-qbiela għal fuqu billi fis-sena 1993, marrru l-Joint Office hu u missieru, li rrinunzja l-qbiela ta' Wied Ħattik filwaqt li l-attur aċċettaha f'ismu. Isostni li din id-dikjarazzjoni intilfet jew qiegħda f'xi file ieħor. B'danakollu skont Martin Bajada, uffiċċjal tad-Dipartiment tal-Artijiet, ma jirriżultax li l-file, li hu mhux biss redded skont il-prattika amministrattiva ġenerali tad-Dipartimenti tal-Gvern, imma hu wkoll indiċjat, għandu xi inkartament maqbuż. L-attur ma forna l-ebda evidenza li l-iskrittura taċ-ċessjoni ntilfet għajr id-dikjarazzjoni tiegħu stess. Il-Qorti ma tistax tistrieħ fuq sempliċi dikjarazzjoni ta' min jallega titlu, iktar u iktar meta – bħalma ġara f'din il-kawża - ma jsibx korroborazzjoni minn provi oħra.*

*Jgħid ukoll li meta d-Dipartiment kien imwissi mill-Awtorita` tal-Ippjanar dwar xogħlijiet illegali fl-għalqa in kwistjoni, id-Dipartiment kien jibgħat għalih u għal ħadd iktar. Din iċ-ċirkostanza iżda ma tista' qatt tirradika titlu ta' qbiela.*

*L-attur isostni wkoll li l-qbiela li kienet toħroġ fuq ismu kienet tal-A-File filwaqt li dik tal-konvenut kienet fuq is-C file u għalhekk bilfors li kienet saret iċ-ċessjoni għax kieku d-Dipartiment ma kienx jaċċetta l-kera minn fuq l-A-file. Issa riċevuta hija fl-ewwel lok xhieda li xi ħadd ikun ħallas. Hi prova ta' pagament u fiha nnifisha ma tikkostitwix prova definittiva u konklussiva ta' kirja. F'dan il-kuntest ir-riċevuta tista' tkun punt rilevanti iżda mhux neċessarjament determinanti. Għalhekk l-użu tal-kelma 'post' fl-irċevuti għalkemm rilevanti, mhijiex determinanti għax-xorta ta' kirja li tkun saret. Iktar minn hekk, ġie ritenut minn din il-Qorti (diversament ippreseduta) li riċevuta maħruġa favur persuna partikolari għall-ħlas tal-kera tista' tkun argument ossija* ***indizju*** *li għandu jiġi kkunsidrat favur l-eżistenza ta' kuntratt ta' lokazzjoni favuriha, iżda l-Qorti m'għandhiex toqgħod fuq l-isem fl-irċevuta bħala* ***prova konklussiva*** *u bħala ħaġa li teskludi l-konsiderazzjonijiet l-oħra li għandhom isiru tant ġuridikament kemm fl-isfond u l-inkwadratura taċ-ċirkostanzi partikolari tal-każ. Hekk f'każ li fih ir-raġel li kienu jinħarġulu f'ismu bħala ħlas tal-kera ta' fond li l-inkwilinat tiegħu kien ġid parafernali ta' martu, b'daqshekk ma sarx l-inkwilin hu. Fil-każ preżenti, il-ħruġ tal-irċevuta f'isem l-attur trid tittieħed fil-kuntest tal-prattika dipartimentali, spjegata fid-depożizzjoni ta' Martin Bajada li "għalkemm ikun sar ħlas tal-qbiela minn individwi, u għalkemm l-irċevuti joħorġu fuq persuni partikolari, ma jfissirx li tali individwi se jiġu rikonoxxuti, iżda ssir bħallikieku dawn l-individwi*

*jkunu qed iħallsu l-qbiela f'isem dik il-persuna li fil-verita` jkollha titolu rikonoxxut".*

*Għalhekk l-attur ma rnexxilux iġib dak il-livell ta' prova li jnissel il-konvinċiment morali tal-Qorti li tabilħaqq il-qbiela daret fuq ismu.*

*Barra mill-kunsiderazzjonijiet suesposti, il-Qorti tikkunsidra li l-attur ma rabatx it-talbiet tiegħu sic et simpliciter mal-premessa li għandu titlu validu fil-liġi, imma, iktar minn hekk, li hu l-inkwilin rikonoxxut mill-Gvern. Ħaġa li bla dubju ma tirriżultax."*

14. Fir-rikors tal-appell l-attur ilmenta li:

14.1. l-ewwel Qorti naqset milli tagħti mportanza lid-distinzjoni li teżisti bejn l-*A file* u c-*C file* tad-Dipartiment kjamat in kawża;

14.2. l-ewwel Qorti naqset milli tifhem sew il-portata ta' rċevuta maħruġa minn Dipartiment Governattiv, u dik ta' riċevuti oħra maħruġa minn ħaddieħor;

14.3. l-fatt li l-kjamat fil-kawża kien jesiġi l-ħlas mingħandu jimmilita favurih; u

14.4. ma huwa xejn ġust illi wara tnejn u għoxrin sena '(*li l-attur ilu kkonfermat u rikonoxxut bħala l-uniku inkwilin fuq il-file A/2128/97)'* l-ewwel Qorti tasal biex tiddeċiedi illi issa l-esponent m'għandux titolu fuq dan l-istess file.

15. Il-Qorti tqis li l-aggravji kollha tal-attur, permezz ta' liema sostanzjalment għadu jsostni illi hu l-inkwilin rikonoxxut mill-kjamat fil-kawża tal-għalqa *'ta' Taxi' sive 'ta' Wied Ħattiek'*, ma jistgħux iwasslu sabiex jiġi ddikjarat li hu l-inkwilin rikonoxxut tal-art in kwistjoni. L-attur ibbaża l-pretensjoni tiegħu fuq il-premessa li *"huwa l-inkwilin rikonoxxut mill-Gvern (l-Uffiċċju Konġunt)"*. Madankollu din il-premessa ġiet kontestata mill-kjamat in kawża li ddikjara li għal dak li jirrigwarda l-art magħrufa bħala '*Għalqa ta' Taxi*' jew '*ta' Wied Ħattiek*', is-Salina, San Pawl il-Baħar, it-titolu li jippretendi l-attur ma jeżistix.[1]

16. F'affidavit ta' Martin Bajada (direttur tal-Inspectorate, Enforcement and Compliance Department) ġiet spjegata l-pożizzjoni tal-Uffiċċju Konġunt relattiva għall-art ta' Taxi (*Lands File No:* A2128/97):

> *"..., jidher illi fil-file relattiv ma nstabet ebda dikjarazzjoni ta' ċessjoni tal-qbiela minn individwi, u għalkemm l-irċevuti joħorġu fuq persuni partikolari, ma jfissirx illi tali individwi se jiġu rikonoxxuti, iżda ssir bħallikieku dawn l-individwi jkunu qed iħallsu l-qbiela f'isem dik il-persuna li fil-verita jkollha titolu rikonoxxut. Skont il-Property Form, li permezz tagħha l-art ġiet trasferita mis-Santa Sede lill-Gvern ta' Malta, hawn annessa u mmarkata bħala Dok B, l-art qegħda f' isem John (Gianni) Camilleri, wlied Paolo Camilleri. Inoltre, fuq din l-art ma saret ebda talba għal rikonoxximent, madanakollu jidher illi hemm Correction Sheet (Dok C) li turi li l-art għadha f'isem John Camilleri (K.I. 721224M). Il-missier seta' jgħaddi l-art lil uliedu x'hin irid sabiex jiġu rikonoxxuti taħt il-Kap. 199, iżda dan ma jidhirx li seħħ għax imkien ma jirriżulta li sar xi trasferiment tal-file relattiv."*[2]

[1] Fol. 739, 740 u l-affidavit ta' Martin Bajada a fol. 766 et seq.
[2] Fol. 766 – 7.

17. Skont l-attur, missieru ċeda favurih il-qbiela tal-għalqa *'ta' Taxi' sive 'ta' Wied Ħattiek'* fl-1993.[3] Madanakollu l-ebda dikjarazzjoni f'dak is-sens ma nstabet fil-*files* tal-Uffiċċju Konġunt li qiegħed jistrieħ fuq l-informazzjoni li hemm fil-*property form* li saret meta l-art in kwistjoni kienet għaddiet lill-Gvern mingħand il-Knisja. L-istess dokument isejjaħ lil John Camilleri[4] u ċertu Manuel, *brother of John, son of Paolo*[5] għalkemm Osterios Aquilina xehed illi l-Kurja kienet għamlet korrezzjoni fis-sens illi l-gabillott rikonoxxut huwa John Camilleri waħdu.[6]

18. Jirriżulta mill-atti li minkejja dan, l-attur ħallas il-qbiela għall-istess art, identifikata fl-irċevuti maħruġa mid-Dipartiment tal-Proprjeta` tal-Gvern bħala <u>proprjeta` numru J57326</u>, f'ħames okkażjonijiet differenti:[7]

18.1. pagament datat 12 ta' Lulju 2012 ta' €353.97 għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 1993 sal-31 ta' Diċembru 2011;[8]

18.2. pagament ieħor datat 29 ta' Jannar 2013 ta' €18.64 għall-perjodu bejn l-ewwel ta' Jannar 2012 u l-31 ta' Diċembru 2012;

18.3. pagament ulterjuri fit-2 ta' Ottubru 2013 ta' 18.64 għall-perjodu bejn l-1 ta' Jannar 2013 sal-31 ta' Diċembru 2013;[9]

---

[3] Fol. 66 tal-proċess numru 1244/2012.
[4] Missier il-partijiet li miet fis-16 ta' Jannar 2011.
[5] Fol. 51.
[6] Fol. 131.
[7] Ara wkoll it-tabella ppreżentata minn Martin Bajada a fol. 436 tal-proċess 1244/2012 GM immarkata 'Dok AX1'.
[8] Fol. 8.
[9] Ara fol. 37 et seq. tal-proċess 1244/2012GM.

18.4. pagament ta' €18.64 fit-12 ta' Jannar 2015 għas-sena 2014;[10] u

18.5. pagament ieħor ta' €18.64 fil-5 ta' Jannar 2016 għas-sena 2015.[11]

19. L-ewwel pagament li sar mill-attur kien biss ftit xhur qabel ippreżenta l-kawża. Dan wara li fis-27 ta' Jannar 2012 il-kjamat in kawża bagħatlu ittra u għall-ewwel darba talbu jħallas l-arretrati li kienu dovuti.[12] Mistoqsi għalfejn huwa qatt ma ħallas il-qbiela qabel l-2012 l-attur wieġeb li pprova iżda ma setax għaliex mid-Dipartiment konċernat infurmawh li l-ewwel riedu jagħmlu r-riċerka tagħhom[13] u dak iż-żmien is-*C file* ma kienx għadu jeżisti.[14]

20. Min-naħa l-oħra l-konvenut argumenta li l-istess porzjon art tissejjaħ '*ta' Pannelli'*[15] u li huwa ilu tnax jew tlettax-il sena jgħix ġewwa *farmhouse* li tinsab ġo fiha flimkien ma' martu u uliedu. Jgħid li oriġinarjament l-art kienet tinħadem minn bużnannuh patern Paolo Camilleri u wara mewtu komplew jaħdmuha bejniethom tnejn minn uliedu, ossija Giuseppe Camilleri u Giovanni (John) Camilleri. Xehed li llum l-art '*Ta' Pannelli'* tinħadem minn missieru Emanuel Camilleri, zijuh

---

[10] Fol. 129 – 130 tal-proċess 1244/2012 GM.
[11] Fol. 438 tal-proċess 1244/2012 GM.
[12] Fol. 9.
[13] Fol. 333.
[14] Fol. 334.
[15] Fol. 97

Pawlu Camilleri u l-kuġini ta' missieru Joseph Camilleri u Leli Camilleri. Biċċiet oħra jinħadmu minn zijuh l-attur. Xehed illi l-kuġini ta' missieru, l-aħwa Joseph u Leli Camilleri iħallsu sehemhom mill-qbiela lill-missieru Emanuel u dan tal-aħħar imur imbgħad iħallas l-ammont sħiħ lis-sid. Jgħid li jgħix fir-razzett in kwistjoni flimkien ma' martu u wliedu bil-permess u l-barka ta' nannuh John Camilleri, missieru Emanuel Camilleri, zijuh Pawlu Camilleri u tal-kuġini ta' missieru Joey u Leli. Jgħid li lanqas iz-zijiet il-bniet, Josephine Camilleri, Mary Camilleri u Vivie Camilleri, m'għandhom oġġezzjoni.

21. Il-konvenut ippreżenta numru sostanzjali ta' ħlasijiet ta' qbiela relattivi għall-art *'ta' Pannelli'* li jmorru lura sal-1890.[16]

22. Konness mal-appell li qiegħed jiġi deċiż b'din is-sentenza hemm l-appell Giuseppe sive Joseph Camilleri v. Emanuel Camilleri et (1244/2012/1) deċiż illum fejn il-Qorti diġa` għamlet il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar aggravji identiċi li ressaq l-attur. Il-Qorti m'għandhiex x'iżżid ma' dak li qalet u sabiex tevita ripetizzjoni bla bżonn tiddikjara li l-konsiderazzjonijiet kollha li għamlet f'dik is-sentenza b'referenza għall-art ta' Taxi, jew ta' Pannelli japplikaw *mutatis mutandis* għall-każ in eżami. L-attur ma tax prova sodisfaċenti li missieru ċedielu l-qbiela tal-għalqa ta'

[16] Fol. 117 et seq.

Ta' Taxi jew ta' Pannelli u lanqas li huwa l-inkwilin rikonoxxut tal-istess.

Għalhekk in kwantu l-kawża tirreferi għal dik l-art, ma tistax tirnexxi.

Għaldaqstant tiċħad l-appell bl-ispejjeż kollha kontra l-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Anthony Ellul<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
gr